

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Proposta ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2004/40/KE rigward il-preskrizzjonijiet minimi tas-sigurtà u tas-saħħa relattivi għall-espożizzjoni ta' ħaddiema għar-riskji ġejjin minn aġenti fiżiċi (kampji elettro-manjetiċi) (it-tmintax-il Direttiva individwali skond it-tifsira ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)

COM(2007) 669 finali — 2007/0230 (COD)

(2008/C 204/22)

Nhar il-21 ta' Novembru 2007, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità ma' l-Artikolu 262 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, dwar

"Proposta ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2004/40/KE rigward il-preskrizzjonijiet minimi tas-sigurtà u tas-saħħa relattivi għall-espożizzjoni ta' ħaddiema għar-riskji ġejjin minn aġenti fiżiċi (kampji elettro-manjetiċi) (it-tmintax-il Direttiva individwali skond it-tifsira ta' l-Artikolu 16(1), tad-Direttiva 89/391/KEE)"

Is-sezzjoni speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar il-21 ta' Frar 2008. Ir-rapporteur kien Is-Sur Pater.

Matul is-sessjoni plenarja tiegħu li nżammet nhar it-12 u t-13 ta' Marzu 2008 (seduta tat-12 ta' Marzu 2008), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'66 vot favur, vot kontra u 11-il astensjoni.

1. Konklużjonijiet

1.1 Il-KESE jemmen li l-ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiema kontra l-effetti negattivi diretti u indiretti tal-kampji elettro-manjetiċi għandhom jaqgħu taħt id-dispożizzjonijiet ta' direttiva Ewropea kemm jista' jkun malajr. Madankollu, meta jqis l-argumenti li resqet il-Kummissjoni u dawk ippreżentati f'din l-opinjoni, il-KESE huwa favur il-proposti tal-Kummissjoni.

1.2 Il-problemi li jqumu sabiex id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/40/KE jiġu implimentati fil-prattika ma jissolvewx billi sempliċement tiġi posposta d-data tat-traspożizzjoni. Għalhekk il-KESE taqbel mal-Kummissjoni dwar il-hteġa li jsir xogħol urġenti biex din id-direttiva titjib.

1.3 Il-KESE jenfasizza li l-fatt li d-data kurrenti għad-dħul fis-seħħ tad-direttiva ġiet posposta b'erba' snin u l-emendi ipplanati għall-kontenut tagħha ser jagħtu messaġġ ambigwu lill-ħaddiema u lil min iħaddimhom. Il-KESE għalhekk jistenna li l-Kummissjoni tiegħu passi urġenti sabiex ittaffi l-effetti negattivi ta' din l-inċertezza fis-sistema legali ta' l-UE.

1.4 Il-Kumitat jirrakkomanda li l-Kummissjoni tqis il-kummenti ddettaljati u l-proposti li hemm f'din l-opinjoni fil-ħidma futura tagħha.

2. Sfond għall-opinjoni

2.1 L-iskop tal-proposta tal-Kummissjoni hu li tipposponi b'erba' snin, sat-30 ta' April 2012, il-perjodu ta' traspożizzjoni

tad-Direttiva 2004/40/KE dwar il-ħtiġijiet minimi għas-saħħa u s-sigurtà fir-rigward ta' l-espożizzjoni ta' ħaddiema għal riskji li jiġu minn aġenti fiżiċi (kampji elettro-manjetiċi).

2.2 Il-ġustifikazzjoni prinċipali għall-proposta tal-Kummissjoni hija l-preokkupazzjoni li l-valuri limiti ta' espożizzjoni għall-ħaddiema stabbiliti mid-direttiva jistgħu jżommu l-iżvilupp tad-dijanjożi medika bl-użu ta' immaġini b'riżonananza manjetika (MRI). Il-Kummissjoni tixtieq ukoll li jkollha aktar żmien biex tagħmel valutazzjoni ddettaljata fuq l-effetti tad-direttiva fuq is-sigurtà ta' kategoriji oħra ta' ħaddiema u l-iżvilupp ta' setturi oħra ta' l-ekonomija li jużaw il-kampji elettro-manjetiċi.

2.3 Fl-istess waqt, il-Kummissjoni ħabbret li ser tipproponi xi tibdil fid-Direttiva 2004/40/KE b'raba mal-pubblikazzjoni ske-data fl-2008 u l-2009 tar-riżultati tar-riċerka xjentifika ġdida, inkluż ir-rakkomandazzjonijiet ta' l-ICNIRP ⁽¹⁾ u d-WHO ⁽²⁾, li l-Kummissjoni qed tistenna ser jipproponu valuri limitu ta' espożizzjoni differenti minn dawk li bħalissa hemm stipulati fid-Direttiva.

2.4 Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għadha ma ġietx diskussa f'opinjoni mill-imsieħba soċjali Ewropej.

2.5 Il-proposta li temenda d-Direttiva 2004/40/KE hija t-tmintax-il Direttiva individwali skond it-tifsira ta' l-Artikolu 16 (1), tad-Direttiva 89/391/KEE; hija tirrigwarda l-ħarsien tal-kategoriji kollha tal-ħaddiema mir-riskji ġejjin mill-espożizzjoni

⁽¹⁾ ICNIRP — International Commission on Non-Ionizing Radiation Protection (Kummissjoni Internazzjonali għall-Ħarsien mir-raġġi mhux jonizzanti).

⁽²⁾ WHO — L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa

għall-kampi elettro-manjetiċi fil-post tax-xogħol ⁽³⁾. L-abbozz ta' Direttiva ⁽⁴⁾ oriġinali ma kienx ġie sottopost għal opinjoni min-naħa tal-KESE, peress li l-opinjoni tal-KESE ta' l-1993 ⁽⁵⁾ dwar id-direttivi relatati ma' l-erba' aġenti fiżiċi fuq il-post tax-xogħol kienet meqjusa bħala biżżejjed għal dan l-iskop.

2.6 Il-ħarsien mill-espożizzjoni eċċessiva għall-kampi elettromanjetiċi bħalissa tvarja ħafna fost l-Istati Membri — seba' pajjiżi diġà infurmaw lill-Kummissjoni li lestew l-implimentazzjoni tad-direttivi fil-liġijiet tagħhom (l-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka, l-Islovakkja, il-Litwanja, il-Latvja, l-Estonja u l-Italja ⁽⁶⁾); f'pajjiżi oħra, dispożizzjonijiet oħra, għadhom japplikaw (l-Isvezja, il-Finlandja, il-Polonja, il-Bulgarija, ir-Rumanija, ir-Renju Unit, Franza eċċ.); fl-aħħar hemm xi pajjiżi li m'għandhom l-ebda dispożizzjoni f'dan il-qasam ⁽⁷⁾.

3. Kummenti ġenerali

3.1 Meta wieħed iqis id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva Qafas 89/391/KE u d-data xjentifika estensiva li hija disponibbli, jidher biċ-ċar li dawn il-kwistjonijiet iridu jiġu koperti minn direttiva Ewropea ħalli jiġi żgurat il-ħarsien adegwat tas-saħħa tal-ħaddiema, b'kunsiderazzjoni speċjali għall-ommijiet potenzjali mill-effetti negattivi diretti u indiretti tal-kampi elettromanjetiċi u sabiex il-ħaddiema jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet professjonali tagħhom b'mod korrett.

3.2 Madankollu, meta jqis l-argumenti li ressqet il-Kummissjoni u dawk ippreżentati f'din l-opinjoni, il-KESE huwa favur il-proposta tal-Kummissjoni.

3.3 Il-KESE jaqbel mal-Kummissjoni li hemm bżonn urġenti li d-Direttiva tiġi mtejbja sabiex tiżgura l-implimentazzjoni fil-prattika tad-dispożizzjonijiet mid-Direttiva. Il-KESE jemmen li

⁽³⁾ Sorsi ta' kampijiet elettromanjetiċi li huma ġeneralment preżenti f'oqsma varji jinklud: tagħmir industrijali elettrotermiku (induction heaters u stufi) siġillanti dielettriċi u bir-reżistenza, tagħmir tal-welding, apparat ta' l-elettroliżi, tagħmir bid-dawl għall-industrija u l-agrikoltura, trasmetturi tar-radju u tat-televiżjoni, tagħmir tat-telekomunikazzjoni wireless, inklud l-istazzjonijiet ta' bażi tan-netwerk tat-telefonija ċellulari, apparat tar-radar, tagħmir mediku ta' dijanjożi u terapija għall-użu f'oqsma bħall-elettrokirurġija (electrosurgery), diatermija fiżjoterapewtika (physiotherapeutic diathermy), tomografija b'reżonanza manjetika (magnetic resonance tomography), stimolazzjoni manjetika trans-kranjali (trans-cranial magnetic stimulation) eċċ.

⁽⁴⁾ Direttiva tal-Kunsill dwar il-preskrizzjonijiet minimi tas-sigurtà u tas-saħħa relattivi għall-espożizzjoni ta' ħaddiema għar-riskji ġejjin minn aġenti fiżiċi — G.U. Nru C 77, 18.3.1993, p.77

⁽⁵⁾ Opinjoni dwar il-proposta għad-Direttiva tal-Kunsill dwar il-preskrizzjonijiet minimi tas-sigurtà u tas-saħħa relattivi għall-espożizzjoni ta' ħaddiema għar-riskji ġejjin minn aġenti fiżiċi — G.U. Nru C 249, 13.9.1993, p.28

⁽⁶⁾ Ibbażat fuq informazzjoni minn DG Empl.

⁽⁷⁾ Ibbażat fuq informazzjoni mis-Sit tad-WHO — <http://www.who.int/docstore/peh-emf/EMFstandards/who-0102/Worldmap5.htm>

d-Direttiva mtejbja għandha tieħu aproċċ aktar sofistikata lejn il-kwistjoni tal-ħarsien mir-riskju ta' espożizzjoni għal kampi elettromanjetiċi, u tqis il-kummenti ddettaljati li ġew żviluppati hawn taħt.

3.4 Il-Kumitat jinnota b'dispaċir li l-Kummissjoni Ewropea, għall-ewwel darba fl-istorja tagħha, ittardjat d-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet ta' direttiva obbligatorja dwar preskrizzjonijiet minimi tas-sigurtà tal-ħaddiema u l-ħelsien tagħhom minn riskji fuq il-post tax-xogħol.

3.5 It-tħabbira min-naħa tal-Kummissjoni li hemm bżonn ta' tibdil fil-kontenut tad-direttiva u t-talba tagħha lill-Istati Membri sabiex iwaqqfu t-traspożizzjoni ⁽⁸⁾, effettivament tfisser li d-Direttiva fil-forma kurrenti tagħha qed tiġi rtirata. Iżda formalment, dak kollu li jkun qed jiġri jkun li tiġi posposta d-data tad-dħul fis-seħħ. Dan ser iwassal għal inkonsistenzi legali, peress li l-partijiet kollha kkonċernati ser jirċievu messaġġi konfliġġenti dwar l-ambitu ta' l-azzjoni meħtieġa sabiex tillimita l-espożizzjoni tal-ħaddiema Ewropej mill-kampi elettromanjetiċi. Il-KESE għalhekk jenfasizza l-importanza li jiġu stabbiliti regoli konsistenti kemm jista' jkun malajr.

3.6 L-analiżi tad-Direttiva 2004/40/KE implimentati f'diversi Stati Membri. li saret bi thejjiġa għat-traspożizzjoni tad-direttiva, wriet numru ta' nuqqasijiet li kienu jagħmlu t-traspożizzjoni tagħha partikolarment diffiċli. Il-Kumitat jafda li l-abbozz tal-verżjoni mtejbja tad-direttiva, li l-Kummissjoni tittama li tkun lesta fl-2009, tiġi sottomessa għall-opinjoni tal-Kumitat u li kwalunkwe kumment li jagħmel jiġi kkunsidrat serjament.

3.7 Il-Kumitat jinnota li livelli kurrenti ta' ħarsien għall-ħaddiema mir-riskji ta' espożizzjoni għall-kampi elettromanjetiċi jvarjaw bejn l-Istati Membri individwali. Il-preparazzjoni urġenti ta' test imtejjeb għad-direttiva, li jipprovdi lill-ħaddiema kollha b'livell xieraq ta' sigurtà waqt li jkunu esposti għall-kampi elettromanjetiċi, għandha tiġi trattata bħala kwistjoni prijoritarja.

4. Kummenti Speċifiċi

4.1 Ir-raġunijiet li għalihom il-Kummissjoni pposponiet id-data ta' l-għeluq għat-traspożizzjoni tad-direttiva jidhru li huma xi f'tit sbilanjati u jiffukaw biss fuq grupp żgħir ħafna ta' ħaddiema (diversi mijiet ta' individwi madwar l-Ewropa) li huma esposti b'mod partikolari għal riskji ta' dan it-tip, jiġifieri, impjegati li joperaw t-tagħmir ta' l-MRI. Madankollu, il-ġustifikazzjoni

⁽⁸⁾ IP/07/1610 tas-26.10.2007

ma tqisx l-effetti li jsejħu meta tiġi posposta azzjoni biex jiġu protetti impjegati, li jiffurmaw parti minn grupp ta' ħaddiema li huwa ħafna akbar, mill-impatt ta' sorsi ta' kampi elettro-manjetiċi użati f'diversi setturi ekonomiċi (weldjar, tagħmir ta' l-elettroliżi, emittenti bl-antenni, installazzjonijiet tad-dawl eċċ.) li ta' l-anqas jgħoddu diversi miljuni madwar l-Ewropa.

4.2 Il-KESE jenfasizza li l-posponiment ta' l-iskadenza tat-traspożizzjoni waħdu mhux ser isolvi l-problemi li ġew identifikati riċentement, li huma relatati ma' definizzjonijiet impreċiżi. Dan ikun meħtieġ biex tinholq sitwazzjoni ekwa għaż-żewġ naħat ta' l-industrija.

4.3 Il-KESE jemmen li huwa importanti li r-regoli li jiġu stabbiliti jkollhom bażi xjentifika soda. L-istorja tar-riċerka xjentifika fl-effetti ta' l-espożizzjoni tal-kampi elettro-manjetiċi tmur lura għan-nofs is-seklu 20, u tagħti sfond li huwa stabbilit tajjeb għal-limiti minimi ta' espożizzjoni għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema. Għalhekk, il-KESE jemmen li l-adozzjoni tad-direttivi mtejbja għandha ssejh mhux aktar tard mill-erba' snin proposti mill-Kummissjoni.

4.4 Il-KESE jemmen li l-Kummissjoni Ewropea għandha turi sens akbar ta' inizjattiva u indipendenza billi attivament toħloq politika ta' ħarsien għall-ħaddiema kontra espożizzjoni eċċessiva għall-kampi elettro-manjetiċi fil-post tax-xogħol (partikolarment, peress li l-popolazzjoni ġenerali bħalissa hija koperta minn dan il-ħarsien taħt ir-Rakkomandazzjoni 519/1999⁽⁹⁾) u xi pajjiżi diġà ħolqu sistemi legali għall-ħarsien tal-ħaddiema kontra l-espożizzjoni għall-kampi elettromanjetiċi.

4.5 Il-Kumitat jemmen li, permezz ta' konsultazzjoni madwar l-Ewropa kollha ta' esperti xjentifiċi u legali u l-istituzzjonijiet mis-27 Stat Membru kollha il-Kummissjoni tkun tista' tagħmel użu aktar effettiv ta' l-esperjenza Prattika tagħhom u tqis id-diversi soluzzjonijiet legiſlattivi speċifiċi adottati fir-reġjuni varji sabiex issolvi problemi identifikati riċentement li issa qed iżommu t-traspożizzjoni u l-applikazzjoni effettiva tad-Direttiva 2004/40/KE.

4.6 Il-KESE jappella lill-Kummissjoni, hekk kif għamel fl-opinjoni tiegħu ta' l-1993⁽¹⁰⁾ sabiex tagħmel riċerka ħalli tidentifika r-riskji għas-saħħa tal-ħaddiema minħabba fil-kundizzjonijiet fuq il-post tax-xogħol bħall-espożizzjoni għall-kampi

manjetiċi statiki jew il-kampi elettro-majetiċi ta' frekwenza intermedjarja (inkluż l-espożizzjoni fuq medda ta' snin).

4.7 Meta wieħed iqis it-titjib fid-Direttiva 2004/40/KE mħabbra mill-Kummissjoni u s-sejħa, li diġà saret referenza għaliha, lill-Istati Membri sabiex iwaqqfu kull ħidma fuq it-traspożizzjoni formali tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva fis-sistema legali nazzjonali, ma għandha tiġi ppubblikata l-ebda informazzjoni fl-istandards tas-CENELEC⁽¹¹⁾ dwar "l-armonizzazzjoni tagħhom mad-Direttiva 2004/40/KE" sakemm jitfassal it-test imtejjeb tad-direttiva. Dan għandu jagħmilha possibbli li jinżamm livell xieraq ta' konsistenza fi ħdan is-sistema legali ta' l-UE.

4.8 Peress li l-proċess li bih il-kundizzjonijiet ta' l-espożizzjoni tal-ħaddiema jsir konformi mad-dispożizzjonijiet tad-direttiva jista', f'ċerti każi, jinvolvi proċeduri tekniċi importanti (inkluż it-tibdil ta' tagħmir), l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-direttiva fin-negozji trid, sa ċertu punt, tqis fatturi ekonomiċi. F'dan il-kuntest, ta' min wieħed jeżamina l-esperjenzi tal-passat fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-direttiva tat-tagħmir tax-xogħol⁽¹²⁾, li inkludiet perġodu adegwat għall-adattar ta' l-istazzjonijiet tax-xogħol għar-rekwiżiti żviluppatti fid-direttiva.

4.9 Mill-perspettiva ta' min iħaddem, huwa partikolarment importanti li jiddaħħlu d-dispożizzjonijiet marbuta ma' tagħmir ġdid l-ewwel għaliex l-implimentazzjoni tas-soluzzjonijiet tekniċi li jnaqqsu jew kompletament jeliminaw ir-riskju għall-ħaddiema hija l-aktar metodu irħis u effettiv għall-produtturi. Il-KESE jenfasizza li din it-tip ta' azzjoni tippoteġi wkoll lil dawk in-nies li jużaw dan it-tagħmir għal attività ekonomika indipendenti u li m'humiex formalment koperti mill-ħarsien li jiġi mid-direttiva dwar il-ħarsien ta' l-impjegati (per eżempju waqt xogħol ta' weldjar f'ditti ta' artiġjanat familjari jew f'xogħol ta' l-agrikoltura).

4.10 Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet għall-produtturi u dawk li jipprovdu d-dokumentazzjoni dwar in-natura u l-firxa tal-kampi elettro-manjetiċi prodotti minn apparat varju, fil-futur, ser jagħmluha possibbli li jonqsu l-ispejjeż b'mod sinifikanti minħabba fil-valutazzjoni tax-xogħol marbut mar-riskji ta' l-espożizzjoni għall-kampi elettro-manjetiċi. Fil-preżent, l-assenza ta' kwalunkwe regolament effettiv fil-livell Ewropew tfisser li

⁽⁹⁾ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 1999/519/KE tat-12 ta' Lulju 1999 dwar il-limitazzjoni ta' espożizzjoni tal-pubbliku ġenerali għall-kampi elettromanjetiċi (0 Hz sa 300 GHz) (ĠU L 199, 30.7.1999, p. 59).

⁽¹⁰⁾ Ara l-Opinjoni tal-KESE dwar il-proposta għad-Direttiva tal-Kunsill dwar il-preskrizzjonijiet minimi tas-sigurtà u tas-saħħa relattivi għall-espożizzjoni ta' ħaddiema għar-riskji ġejjin minn aġenti fiżiċi (G.U. C 249, 13.9.1993 pġ.98).

⁽¹¹⁾ CENELEC — Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika

⁽¹²⁾ Direttiva tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 1989 dwar il-preskrizzjonijiet minimi tas-sigurtà u tas-saħħa għall-użu ta' tagħmir tax-xogħol mill-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol (it-tieni Direttiva individwali skond it-tifsira ta' l-Artikolu 16(1), tad-Direttiva 89/391/KEE), kif emendata 95/63/KE u 2001/45/KE.

dokumentazzjoni ta' din it-tip ta' tiġix provduta. Dan huwa ta' piż partikolarment għall-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju li ma tantx ikunu jistgħu jifilħu għall-ispejjeż ta' valutazzjoni tar-riskju professjonali.

4.11 L-aċċess għad-dokumentazzjoni adattata tal-produtturi tippermetti lit-trejdjunjonisti jew lill-kumpaniji ta' l-assikurazzjoni li jiżviluppaw attivitajiet varji mmirati li jħarsu lill min iħaddem, irrispettivament mill-iskadenza ta' l-implimentazzjoni

tad-direttiva u d-dispożizzjonijiet futuri tagħha (skond il-prattika li tiġi rakkomandata universalment li wieħed jevita riskji mhux meħtieġa, fejn possibbli).

4.12 Il-KESE jesprimi t-tħassib tiegħu għaliex il-fatt li l-iskadenza tat-traspożizzjoni ġiet posposta jista' jwassal b'mod dirett sabiex fil-futur ikompli jidħol apparat fil-postijiet tax-xogħol mingħajr dokumentazzjoni dwar ir-riskji marbuta ma' l-użu jew it-tiswija tiegħu.

Brussell, it-12 ta' Marzu 2008.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dimitris DIMITRIADIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Ir-riforma fil-baġit ta' l-UE u l-finanzjament tiegħu fil-futur

(2008/C 204/23)

Nhar il-25 ta' Settembru 2007, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b'konformità ma' l-artikolu 29(2) tar-Regolament intern li jfassal opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar:

Ir-riforma fil-baġit ta' l-UE u l-finanzjament tiegħu fil-futur (opinjoni fuq inizjattiva proprja).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja, Koeżjoni Ekonomika u Soċjali inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett ifformulat l-opinjoni tagħha nhar il-20 ta' Frar 2008. Ir-rapporteur kienet is-**Sinjura Florio**.

Matul l-443 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-12 u t 13 ta' Marzu 2008 (seduta tat-12 ta' Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'113-il vot favur, 18-il vot kontra u 15-il astensjoni.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

ukoll sabiex tiċċara b'liema mezzi beħsieba tkompli l-konsultazzjoni.

1.1 Fid-dawl tal-bidliet radikali li seħħu matul dawn l-aħħar deċenni, l-Unjoni Ewropea qed terġa' tniedi aġenda politika li fost il-prijoritajiet politiċi għandha l-bidla fil-klima, l-enerġija, u l-immigrazzjoni: problemi ġodda li għandhom bżonn risposta ta' malajr. Għalhekk il-KESE iqis li għandu jipparteċipa fid-diskussjoni miftuħa mill-Kummissjoni dwar il-politiki tal-baġit, li huwa l-istrument fundamentali sabiex jiġu affrontati dawn l-isfidi.

1.2 Ir-reviżjoni tal-baġit ta' l-Unjoni Ewropea trid tiġi kkontestwalizzata fil-perijodu delikat tat-traspożizzjoni tat-Trattat ta' Lisbona u marbuta direttament mad-dibattitu dwar il-politiki ta' koeżjoni, ir-riċerka u l-“istat tas-saħħa” tal-PAK. Fi żmien qasir ser isiru l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew u ser titwaqqaf Kummissjoni ġdida. Għal din ir-raġuni il-KESE jenfasizza d-diffikultà li jsir dibattitu tant importanti fi żmien ta' bidla f'żewġ istituzzjonijiet importanti. Barra minn hekk, il-KESE jawgura li l-gvernijiet tas-27 pajjiż ta' l-Unjoni jkun disposti li jiffaċċjaw għażliet strateġiċi mingħajr reżistenza. Jistieden lill-Kummissjoni

1.3 It-tfassil tal-politiki tal-baġit ma jistax isir mingħajr l-għażla fundamentali bejn il-federaliżmu jew is-sistema intergovernattiva. Huwa ċar li l-grad ta' progress fl-integrazzjoni Ewropea jitkejjel ukoll fuq il-bażi ta' kif jiġi ffinanzjat il-baġit.

1.4 Qabel ma ssir analiżi dwar liema riżorsi ekonomiki huma meħtieġa u kif ser jinġabru, ser ikun hemm bżonn li tiġi vvalutata l-attwalità tal-politiki Komunitarji, b'mod partikolari dawk li għandhom storja twila u li, anke jekk taw riżultati pożittivi għall-iżvilupp u t-tkabbir ekonomiku, għandhom jiġu adattati u msaħħa sabiex jirrispondu għall-isfidi l-ġodda. B'mod kuraġġuż trid terġa' ssir analiżi approfondita dwar il-fondi strutturali, il-fondi ta' koeżjoni, il-politiki reġjonali eċċ... sabiex jiġi studjat b'mod partikolari, l-impatt u l-effettività tagħhom fil-pajjiżi l-ġodda li nqas, fid-dawl tar-“Raba” Rapport dwar il-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali” (COM(2007) 273 finali), li dwaru l-KESE fassal opinjoni reċentement ⁽¹⁾.

⁽¹⁾ Ara l-Opinjoni tal-KESE dwar *Ir-raba' Rapport dwar il-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali* CESE 1712/2007